MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 661/2004

**Peter Muscat**

**vs**

**Brands International Limited gia' Charles Mercieca & Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun iddikjarat:

1. Illi l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' Qbid numru 532/04 mahrug fuq talba tas-socjeta' konenuta fl-ismijiet Brands International Limited gia' Charles Mercieca

& Company Limited kontra Malta Yacht Manufacturers Limited fil-25 ta' Marzu tas-sena 2004, skond kif jirrizulta mir-riferta Dok 'A', liema oggetti huma proprjeta' ta' l-attur u mhux tad-debitur f'dak il-mandat u skond ma jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi konsegwentement ikun ordnat ir-rilaxx ta' l-istess oggetti favur l-attur;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-mandat de quo nhareg u gie esegwit skond il-ligi kontra s-socjeta' Malta Yacht Manufacturing Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nforndati fil-fatt u fid-dritt stante li Dok. A li gie msejjah bhala "riferta" fl-avviz, fuq liema dokument qed tigi bbazata l-azzjoni odjerna, ma jikkostitwix r-riferta li skond il-ligi tigi rilaxxjata mill-Marixxall f'idejn is-socjeta' debitrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mid-dokument ipprezentat ill-attur, ma jirrizultax illi effettivament l-oggetti maqbuda huma ta' l-istess attur, kif ser jigi trattat u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' Qbid 532/2004 ma humiex proprjeta' ta' l-attur imma huma fil-fatt proprjeta' tas-socjeta' Malta Yacht Manufacturing Limited kif ser jigi trattat u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma

jirrizultax li kien hemm xi dikjarazjoni illi effettivamet l-oggetti maqbuda ma jappartjenux ill-imsemmija Malta Yacht Manufacturing Limited, maghmula mill-imsemmija socjeta’ Malta Yacht Manufacturing Limited jew minn xi persuna ohra meta gie esegwit il-mandat de quo;

6. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ eccipjenti ma ghandha bl-ebda mod issofri l-ispejjez ta’ dina l-istanza;

7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti, nkluzi n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi a bazi tal-mandat ta’ qbid numru 532/04 istruwit fuq talba tas-socjeta’ konvenuta fil-konfront tas-socjeta’ Malta Yacht Manufacturing Limited gew maqbuda gudizzjarjament xi makni;

2. Illi hu allegat mill-attur li dawn il-makni ma humiex proprjeta’ ta’ l-imsemmija socjeta’ Malta Yacht Manufacturing Limited izda huma proprjeta’ personali ta’ l-attur odjern;

3. Illi l-mandat in dizamina bin-numru progressiv 532/2004 ma nstabx fir-Registru ta’ dawn il-qrati;

4. Illi l-fatti allegati mill-attur odjern gew debitament konfermati mill-impjegat ta’ l-azjenda minn fejn inbieghu lill-attur;

5. Illi stante li l-oggetti hekk maqbuda huma proprjeta’ ta’ l-attur u mhux tas-socjeta’ li fil-konfront inhareg il-mandat ta’ qbid in dizamina, allura ttiehdet din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta tikkomfuta dak allegat mill-attur u ssostni li l-makni maqbuda huma proprjeta’ ta’ l-imsemmija socjeta’ u allura tirrespingi bil-qawwa t-talbiet dedotti kontra taghha;

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat il-provi esposti, nonostante l-fatt li l-mandat in dizamina jinsab mitluf, din il-qorti hi konvinta li l-makni ma humiex proprjeta’ tas-socjeta’ li kontirha nhareg il-mandat de quo, izda ta’ l-attur personalment;

Illi dan hu ritenut ghaliex hu konfortat minn depozizzjoni ta’ terz indipendenti ghall-vertenza bejn il-partijiet li jimmerita l-avall ta’ din il-qorti;

Ghaldaqstant din il-qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati u takkolji t-talbiet attrici u allura:

1. Tiddikjara li l-oggetti maqbuda bil-mandat ta’ qbid 532/04 indikat fl-avviz promotur huma proprjeta’ ta’ l-attur odjern;

2. Illi in vista tal-premess tordna r-rilaxx taghhom favur l-attur Peter Muscat;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------